



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-2 ta' April 2019

Iż-żieda fl-arretrati tal-baġit jista' jkollha impatt fuq proġetti futuri ffinanzjati mill-UE, jgħidu l-Awdituri

Skont analiżi rapida dwar każ speċifiku ġdida li twettqet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-arretrati ta' fondi li ġew impenjati taħt il-baġit tal-UE, iżda li għadhom ma tħallsux, laħqu livell għoli ġdid li jista' jgħallu riskji finanzjarji sinifikanti fil-futur. Il-valur tal-pagamenti li jkunu jridu jsiru mill-Kummissjoni Ewropea kien ta' EUR 267 biljun fi tmiem l-2017, u dan mistenni li jkompli jiżdied. L-awdituri jwissu li dan jista' jillimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li timmaniġġja l-ħtiġijiet futuri jew li tħallas it-talbiet għall-pagament fil-ħin.

Il-baġit annwali tal-UE huwa magħmul minn ammonti li jkunu disponibbli biex jiġu impenjati u ammonti għall-pagamenti effettivi li jsiru matul is-sena. L-hekk imsejja "impenji pendenti" huma dawk l-impenji li jkunu saru matul is-sena attwali u dawk preċedenti u li jkunu għadhom la tħallsu u lanqas ma ġew ikkanċellati. Matul dan iż-żmien, dawn l-impenji pendenti jikkostitwixxu somma li tissegħja ir-RAL (mill-Franċiż *reste à liquider*).

Ir-RAL qed jiżdied gradwalment u wera żieda ta' aktar minn 90 % matul dawn l-aħħar 10 snin, b'aċċelerazzjoni qawwija fi snin reċenti. L-analiżi rapida dwar każ speċifiku tipprova informazzjoni approfondita dwar kif ir-RAL evolva u dwar il-fatturi li jikkontribwixxu għal din ix-xejra ta' żieda. L-awdituri jwissu li l-isfida prinċipali se tkun li jiġi żgurat li r-RAL ma jibdiex jiżdied b'mod li jsir jerġa' oġhla taħt il-pjan pluriennali ta' nfiq il-ġdid għall-perjodu 2021-2027. Huma jidentifikaw ir-riskji għall-baġit tal-UE u jipproponu soluzzjonijiet possibbli.

"Għal ħafna snin aħna esprimejna t-tħassib tagħna dwar il-livell dejjem jiżdied tar-RAL u rakkomandajna li l-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex tnaqqsu," qalet Annemie Turtelboom, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-analiżi rapida. "Iżda issa qed naraw li l-istorja qed tirrepeti ruħha. Xi wħud mill-fatturi li illum qed jikkontribwixxu għal dan ir-RAL huma identiċi għal dawk fil-passat. RAL għoli jżid l-esponiment finanzjarju tal-baġit tal-UE."

L-awdituri jidentifikaw tliet fatturi prinċipali li jinfluwenzaw ir-RAL: l-ammonti fil-baġit disponibbli biex jiġu impenjati huma oġhla mill-ammonti effettivament disponibbli għall-pagamenti; it-tmiem

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-analiżi rapida dwar każ speċifiku maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-analiżi sħiħa tinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

ta' pjan pluriennali ta' nfiq jikkoinċidi mal-bidu ta' dak ta' warajh; u l-programmi ffinanzjati mill-UE fl-Istati Membri qed jiffaċċjaw dewmien.

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jiġġeneraw l-akbar sehem għar-RAL, prinċipalment dovut għas-sehem għoli tagħhom fil-baġit globali kif ukoll għar-regoli speċifiċi ta' nfiq tagħhom. L-awdituri jipprovdu tqabbil dettaljat bejn l-Istati Membri. Dan juri li, minħabba li kull Stat jassorbi l-finanzjament b'rata differenti, is-sehem rispettiv tagħhom tar-RAL mhuxwix proporzjonat għall-ammonti li jkollhom disponibbli biex jimpenjaw. Sabiex tiġi promossa d-dixxiplina finanzjarja, l-Istati Membri kollha jridu jonfqu dawn il-fondi fi żmien tliet snin minn meta dawn ikunu ġew impenjati, inkella jkun hemm ir-riskju li jitilfuhom.

Ir-RAL jonqos meta l-ammonti impenjati jitħallsu jew jiġu kkanċellati. Matul dawn l-aħħar 10 snin, l-ammonti kkanċellati kienu relattivament baxxi, madwar 2 % tat-total impenjat. Madankollu, l-awdituri jindikaw li l-ammonti kkanċellati ma jkunux jistgħu jintużaw aktar u, għaldaqstant, ikunu mitlufa għall-finijiet tal-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika tal-Istati Membri kkonċernati u tal-UE.

L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għal bosta soluzzjonijiet possibbli biex tiġi evitata żieda simili fir-RAL taħt il-pjan pluriennali ta' nfiq il-ġdid għall-perjodu 2021-2027:

- l-adozzjoni tal-pjan pluriennali ta' nfiq u tal-programmi assoċjati tiegħu fil-waqt;
- is-simplifikazzjoni tar-regoli għall-infiq mill-baġit tal-UE;
- l-istabbiliment ta' previżjonijiet sodi tal-ħtiġijiet ta' pagamenti;
- bilanċ xieraq bejn l-ammonti disponibbli għall-impenji u l-ammonti disponibbli għall-pagament.

Noti lill-Edituri

Mill-2011 sal-2015, il-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed fondi disponibbli biex tagħmel il-pagamenti kollha sa tmiem is-sena u kellha tħallas l-ammonti pendenti matul is-snin ta' wara. L-arretrati ta' klejms mhux imħallsa ppreżentati mill-Istati Membri kien laħqu kważi EUR 25 biljun sa tmiem l-2014 u dawn ġew finalment ikklierjati fi tmiem l-2016.

Fl-2013, il-Kummissjoni pprevediet RAL ta' aktar minn EUR 260 biljun għat-tmiem tal-2020. Fl-2018, hija rrevediet din iċ-ċifra għal EUR 295 biljun, u pprevediet li r-RAL fi tmiem l-2023 se jkun ta' EUR 314-il biljun.

Il-Kummissjoni rrapportat li r-RAL fi tmiem l-2018 kien ta' madwar EUR 280 biljun. Għall-2019, il-baġit tal-UE għall-impenji huwa ta' EUR 166 biljun, filwaqt li dak għall-pagamenti huwa ta' EUR 148 biljun .

Il-QEA timmonitorja r-RAL bħala parti mill-awditu annwali li hija twettaq tal-kontijiet tal-UE. Din l-analiżi tiffoka fuq il-livell tar-RAL fi tmiem l-2017 – is-sena l-aktar reċenti li għaliha hemm disponibbli *data* li diġà kienet suġġetta għall-awditjar.

Analiżi rapida dwar każ speċifiku tippreżenta u tistabilixxi l-fatti li jikkonċernaw kwistjoni jew problema speċifika; din mhijiex rapport tal-awditjar.

L-analiżi rapida dwar każ speċifiku tal-QEA intitolata “Impenji pendenti fil-baġit tal-UE – Ħarsa aktar mill-qrib” hija disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.